Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Proposta għal Regolament li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit

(2021/C 175/07)

Relatur ġenerali: Loïg CHESNAIS-GIRARD (FR/PSE)
President tal-Kunsill Reġjonali tal-Bretanja

Dokument ta' referenza: COM(2020) 854 final

I. RAKKOMANDAZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU EMENDI

Emenda 1

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Fl-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("Ir-Renju Unit") ħareġ mill-Unjoni Ewropea ("UE") u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("Euratom") – minn hawn 'il quddiem b'mod kollettiv imsejħin "l-Unjoni", u daħal f'perjodu ta' tranżizzjoni. Dak il-perjodu ta' żmien limitat sar qbil dwaru bħala parti mill-Ftehim dwar il-Ħruġ ([1]) u ***se jdum sal-***31 ta' Diċembru 2020. Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-Unjoni u r-Renju Unit bdew negozjati formali dwar relazzjoni futura.	Fl-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("Ir-Renju Unit") ħareġ mill-Unjoni Ewropea ("UE") u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("Euratom") – minn hawn 'il quddiem b'mod kollettiv imsejħin "l-Unjoni", u daħal f'perjodu ta' tranżizzjoni. Dak il-perjodu ta' żmien limitat sar qbil dwaru bħala parti mill-Ftehim dwar il-Ħruġ ([1]) u ***skada fil-***31 ta' Diċembru 2020. Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-Unjoni u r-Renju Unit bdew negozjati formali dwar relazzjoni futura.
([1]) Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("Il-Ftehim dwar il-Ħruġ") (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7).	([1]) Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("Il-Ftehim dwar il-Ħruġ") (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7).

Emenda 2

Żid Premessa 2a ġdida

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	Fl-24 ta' Diċembru 2020, in-negozjati bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit wasslu għall-konklużjoni ta' ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem "Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni") ([1]) li jiddefinixxi r-relazzjoni futura tagħhom u jidħol fis-seħħ b'mod proviżorju fl-1 ta' Jannar 2021. L-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni għas-sajd tipprevedi perjodu tranżizzjonali ta' ħames snin u nofs sat-30 ta' Ġunju 2026 u twassal għal tnaqqis progressiv fl-attivitajiet

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	tas-sajd fl-ilmijiet Brittaniċi. Dan għandu jwassal għal bidliet profondi għall-katina tal-valur kollha tas-sajd u għall-istrutturar tal-ekonomija kostali f'ċerti reġjuni.
	(1) Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, (ĠU L 444, 31.12.2020, p. 14).

Emenda 3

Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-Unjoni hija impenjata li ttaffi l-impatt ekonomiku tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni u li turi solidarjetà mal-Istati Membri kollha***, speċjalment dawk l-aktar*** affettwati f'ċirkostanzi eċċezzjonali bħal dawn.	L-Unjoni hija impenjata li ttaffi l-impatt ekonomiku ***u soċjali negattiv*** tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni u li turi solidarjetà mal-Istati Membri kollha ***u r-reġjuni u s-setturi ekonomiċi kollha*** affettwati f'ċirkostanzi eċċezzjonali bħal dawn.

Emenda 4

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Għall-finijiet ta' kontribuzzjoni għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, huwa xieraq li l-Istati Membri, meta jfasslu l-miżuri ta' appoġġ, jiffokaw b'mod partikolari fuq ir-reġjuni, iż-żoni u l-komunitajiet lokali, inklużi dawk dipendenti fuq l-attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tar-Renju Unit, li x'aktarx jintlaqtu l-aktar ħażin mill-ħruġ tar-Renju Unit. L-Istati Membri jista' jkollhom jieħdu miżuri speċifiċi b'mod partikolari biex jappoġġaw lin-negozji u lis-setturi ekonomiċi affettwati b'mod negattiv mill-ħruġ. Għalhekk huwa xieraq li tiġi pprovduta lista mhux eżawrjenti tat-tip ta' miżuri li huma l-aktar probabbli li jilħqu dan l-objettiv.	Għall-finijiet ta' kontribuzzjoni għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, huwa xieraq li l-Istati Membri, meta jfasslu l-miżuri ta' appoġġ, jiffokaw b'mod partikolari fuq ir-reġjuni, iż-żoni u l-komunitajiet lokali, inklużi dawk dipendenti fuq l-attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tar-Renju Unit, li x'aktarx jintlaqtu l-aktar ħażin mill-ħruġ tar-Renju Unit***, u jiżguraw distribuzzjoni bbilanċjata fir-reġjuni kollha affettwati***. L-Istati Membri jista' jkollhom jieħdu miżuri speċifiċi b'mod partikolari biex jappoġġaw lin-negozji u lis-setturi ekonomiċi affettwati b'mod negattiv mill-ħruġ. Għalhekk huwa xieraq li tiġi pprovduta lista mhux eżawrjenti tat-tip ta' miżuri li huma l-aktar probabbli li jilħqu dan l-objettiv.

Emenda 5

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	Ċerti setturi ekonomiċi huma partikolarment esposti. F'xi territorji li jiddependu ħafna fuq il-klijenti Brittaniċi, jista' jiġi antiċipat tnaqqis sinifikanti fl-attività turistika. X'aktarx li r-regoli dwar ir-residenza taċ-ċittadini jqajmu dubji dwar it-tradizzjonijiet tal-moviment u l-iskambji bejn it-territorji, iżda wkoll il-bilanċ demografiku ta' ċerti żoni. L-attivitajiet kummerċjali jiddependu fuq il-kapaċità tan-negozji u tal-ktajjen tal-valur li jintegraw ir-rekwiżiti l-ġodda stabbiliti fil-ftehim. Filwaqt li l-impatti diġà huma viżibbli għal ċerti setturi, bħal dak bi prodotti ultrafriski, ħafna mill-impatti tal-Brexit għadhom mistura mis-sitwazzjoni tas-saħħa b'rabta mal-COVID-19 jew min-nuqqas ta' applikazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet kollha.

Emenda 6

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Fl-istess ħin, huwa importanti li jiġu speċifikati b'mod ċar kwalunkwe esklużjonijiet mill-appoġġ ipprovdut mir-Riżerva. Jenħtieġ li r-Riżerva teskludi mill-appoġġ it-taxxa fuq il-valur miżjud peress li ***din*** tikkostitwixxi dħul ta' Stat Membru, li jagħmel tajjeb għall-ispiża relatata għall-baġit tal-Istat Membru. ***Sabiex jiġi kkonċentrat l-użu ta' riżorsi limitati bl-aktar mod effiċjenti, jenħtieġ li l-assistenza teknika użata mill-korpi responsabbli għall-implimentazzjoni tar-Riżerva ma tkunx eliġibbli għal appoġġ mir-Riżerva.*** F'konformità mal-approċċ ġenerali għall-politika ta' koeżjoni, jenħtieġ li ma tkunx appoġġjata n-nefqa marbuta mar-rilokazzjonijiet jew li tmur kontra kwalunkwe liġi tal-Unjoni jew nazzjonali applikabbli.	Fl-istess ħin, huwa importanti li jiġu speċifikati b'mod ċar kwalunkwe esklużjonijiet mill-appoġġ ipprovdut mir-Riżerva. Jenħtieġ li r-Riżerva teskludi mill-appoġġ it-taxxa fuq il-valur miżjud***, sakemm ma tkunx tista' tiġi rkuprata skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-VAT,*** peress li ***l-VAT*** tikkostitwixxi dħul ta' Stat Membru, li jagħmel tajjeb għall-ispiża relatata għall-baġit tal-Istat Membru. F'konformità mal-approċċ ġenerali għall-politika ta' koeżjoni, jenħtieġ li ma tkunx appoġġjata n-nefqa marbuta mar-rilokazzjonijiet jew li tmur kontra kwalunkwe liġi tal-Unjoni jew nazzjonali applikabbli.

Emenda 7

Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Skont il-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016, hemm ħtieġa għal evalwazzjoni tar-Riżerva abbażi tal-informazzjoni miġbura permezz ta' rekwiżiti ta' monitoraġġ speċifiċi, filwaqt li jiġu evitati r-regolamentazzjoni żejda u l-piżijiet amministrattivi, b'mod partikolari fuq l-Istati Membri. Fejn ikun xieraq, dawn ir-rekwiżiti jenħtieġ li jinkludu indikaturi kwantifikabbli, bħala bażi tal-evalwazzjoni tar-Riżerva.	Skont il-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016, hemm ħtieġa għal evalwazzjoni tar-Riżerva abbażi tal-informazzjoni miġbura permezz ta' rekwiżiti ta' monitoraġġ speċifiċi, filwaqt li jiġu evitati r-regolamentazzjoni żejda u l-piżijiet amministrattivi, b'mod partikolari fuq l-Istati Membri ***u l-awtoritajiet lokali u reġjonali***. Fejn ikun xieraq, dawn ir-rekwiżiti jenħtieġ li jinkludu indikaturi kwantifikabbli, bħala bażi tal-evalwazzjoni tar-Riżerva.

Emenda 8

Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Sabiex jiġi żgurat trattament ugwali tal-Istati Membri kollha u konsistenza fl-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta l-applikazzjonijiet f'pakkett. Jenħtieġ li tħares b'mod partikolari lejn l-eliġibbiltà u l-preċiżjoni tan-nefqa ddikjarata, ir-rabta diretta tan-nefqa mal-miżuri meħuda biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-ħruġ u l-miżuri stabbiliti mill-Istat Membru kkonċernat biex jiġi evitat finanzjament doppju. Wara l-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tapprova l-prefinanzjament imħallas, u tirkupra l-ammonti mhux użati. Sabiex l-appoġġ jiġi kkonċentrat fuq l-Istati Membri l-aktar affettwati mill-ħruġ, fejn in-nefqa fl-Istat Membru kkonċernat, aċċettata bħala eliġibbli mill-Kummissjoni, taqbeż l-ammont imħallas bħala prefinanzjament u 0,06 % tal-Introjtu Nazzjonali Gross (ING) nominali għall-2021 tal-Istat Membru kkonċernat, jenħtieġ li jkun possibbli li tiġi permessa allokazzjoni ulterjuri mir-Riżerva għal dak l-Istat Membru fil-limiti tar-riżorsi finanzjarji disponibbli. Minħabba l-firxa tax-xokk ekonomiku mistenni, jenħtieġ li jsir provvediment għall-possibbiltà li jintużaw l-ammonti rkuprati mill-prefinanzjament għar-rimborż tan-nefqa addizzjonali mill-Istati Membri.	Sabiex jiġi żgurat trattament ugwali tal-Istati Membri kollha u konsistenza fl-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta l-applikazzjonijiet f'pakkett. Jenħtieġ li tħares b'mod partikolari lejn l-eliġibbiltà u l-preċiżjoni tan-nefqa ddikjarata, ir-rabta diretta tan-nefqa mal-miżuri meħuda biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-ħruġ u l-miżuri stabbiliti mill-Istat Membru kkonċernat biex jiġi evitat finanzjament doppju. ***Jenħtieġ li tiġi wkoll żgurata d-distribuzzjoni settorjali u ġeografika fil-livell NUTS 2 tan-nefqa, inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi***. Wara l-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tapprova l-prefinanzjament imħallas, u tirkupra l-ammonti mhux użati. Sabiex l-appoġġ jiġi kkonċentrat fuq l-Istati Membri l-aktar affettwati mill-ħruġ, fejn in-nefqa fl-Istat Membru kkonċernat, aċċettata bħala eliġibbli mill-Kummissjoni, taqbeż l-ammont imħallas bħala prefinanzjament u 0,06 % tal-Introjtu Nazzjonali Gross (ING) nominali għall-2021 tal-Istat Membru kkonċernat, jenħtieġ li jkun possibbli li tiġi permessa allokazzjoni ulterjuri mir-Riżerva għal dak l-Istat Membru fil-limiti tar-riżorsi finanzjarji disponibbli. Minħabba l-firxa tax-xokk ekonomiku mistenni, jenħtieġ li jsir provvediment għall-possibbiltà li jintużaw l-ammonti rkuprati mill-prefinanzjament għar-rimborż tan-nefqa addizzjonali mill-Istati Membri.

Emenda 9

Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tal-ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu sistema ta' ġestjoni u kontroll, jaħtru u jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-korpi responsabbli għall-ġestjoni tar-Riżerva kif ukoll dwar korp indipendenti tal-awditjar separat. Għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni, l-Istati Membri ***jistgħu*** jagħmlu użu mill-korpi u s-sistemi maħtura eżistenti stabbiliti għall-fini tal-ġestjoni u l-kontroll tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni jew tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea. Jeħtieġ li jiġu speċifikati r-responsabbiltajiet tal-Istati Membri u li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti speċifiċi għall-korpi maħtura.	Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tal-ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu sistema ta' ġestjoni u kontroll, jaħtru u jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-korpi responsabbli ***fil-livell nazzjonali jew reġjonali*** għall-ġestjoni tar-Riżerva kif ukoll dwar korp indipendenti tal-awditjar separat. Għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni, l-Istati Membri ***għandhom*** jagħmlu użu mill-korpi u s-sistemi maħtura eżistenti stabbiliti għall-fini tal-ġestjoni u l-kontroll tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni jew tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea. Jeħtieġ li jiġu speċifikati r-responsabbiltajiet tal-Istati Membri u li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti speċifiċi għall-korpi maħtura. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali kkonċernati fl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-fond, speċjalment permezz ta' korpi ta' monitoraġġ jekk mhumiex diġà membri.***

Emenda 10

Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(19) Sabiex tissaħħaħ it-trasparenza dwar l-użu tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi rapport finali lill-Parlament Ewropew ***u*** lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Riżerva.	(19) Sabiex tissaħħaħ it-trasparenza dwar l-użu tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi rapport finali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, ***lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*** dwar l-implimentazzjoni tar-Riżerva.

Emenda 11

Artikolu 2

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:	Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
(1) "perjodu ta' referenza" tfisser il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 63(5), il-punt (a), tar-Regolament Finanzjarju, li għandu jkun mill-1 ta' Lulju 2020 sal-31 ta' Diċembru 2022;	(1) "perjodu ta' referenza" tfisser il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 63(5), il-punt (a), tar-Regolament Finanzjarju, li għandu jkun mill-1 ta' Lulju 2020 sal-31 ta' Diċembru 2022;
(2) "liġi applikabbli" tfisser il-liġi tal-Unjoni u l-liġi nazzjonali relatata mal-applikazzjoni tagħha;	(2) "liġi applikabbli" tfisser il-liġi tal-Unjoni u l-liġi nazzjonali relatata mal-applikazzjoni tagħha;

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(3) "irregolarità" tfisser kull ksur tal-liġi tal-Unjoni jew ta' liġi nazzjonali relatata mal-applikazzjoni tagħha, li jirriżulta minn att jew ommissjoni minn kwalunkwe entità pubblika jew privata involuta fl-implimentazzjoni tar-Riżerva, inklużi l-awtoritajiet tal-Istati Membri, li jkollu, jew jista' jkollu, l-effett li jippreġudika l-baġit tal-Unjoni billi jitlob pagament għal element mhux ġustifikat ta' nefqa mill-baġit tal-Unjoni;	(3) "irregolarità" tfisser kull ksur tal-liġi tal-Unjoni jew ta' liġi nazzjonali relatata mal-applikazzjoni tagħha, li jirriżulta minn att jew ommissjoni minn kwalunkwe entità pubblika jew privata involuta fl-implimentazzjoni tar-Riżerva, inklużi l-awtoritajiet tal-Istati Membri, li jkollu, jew jista' jkollu, l-effett li jippreġudika l-baġit tal-Unjoni billi jitlob pagament għal element mhux ġustifikat ta' nefqa mill-baġit tal-Unjoni;
(4) "rata ta' żball totali" tfisser l-iżbalji totali identifikati fil-kampjun diviżi bil-popolazzjoni tal-awditjar;	(4) "rata ta' żball totali" tfisser l-iżbalji totali identifikati fil-kampjun diviżi bil-popolazzjoni tal-awditjar;
(5) "rata ta' żbalji residwi" tfisser ir-rata ta' żball totali wara li jitnaqqsu l-korrezzjonijiet finanzjarji applikati mill-Istat Membru li jkunu intiżi biex inaqqsu r-riskji identifikati mill-korp tal-awditjar indipendenti fl-awditi tiegħu tal-miżuri ffinanzjati, diviża bin-nefqa li trid tiġi koperta mill-kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva;	(5) "rata ta' żbalji residwi" tfisser ir-rata ta' żball totali wara li jitnaqqsu l-korrezzjonijiet finanzjarji applikati mill-Istat Membru li jkunu intiżi biex inaqqsu r-riskji identifikati mill-korp tal-awditjar indipendenti fl-awditi tiegħu tal-miżuri ffinanzjati, diviża bin-nefqa li trid tiġi koperta mill-kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva;
(6) "Rilokazzjoni" tfisser trasferiment tal-istess attività jew attività simili jew parti minnha skont it-tifsira tal-Artikolu 2(61a) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014.	

Emenda 12

Artikolu 4

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
1. L-Istati Membri kollha għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ mir-Riżerva.	1. L-Istati Membri kollha għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ mir-Riżerva.
2. Ir-riżorsi massimi għar-Riżerva għandhom ikunu ta' EUR ***5*** 370 994 000 fi prezzijiet attwali.	2. Ir-riżorsi massimi għar-Riżerva għandhom ikunu ta' EUR ***6*** 370 994 000 fi prezzijiet attwali.
3. Ir-riżorsi msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu allokati kif ġej:	3. Ir-riżorsi msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu allokati kif ġej:
(a) ammont ta' prefinanzjament ta' EUR 4 244 832 000 għandu jkun disponibbli fl-2021 f'konformità mal-Artikolu 8;	(b) ammonti addizzjonali ta' EUR 1 126 162 000 għandhom ikunu disponibbli fl-***2024*** f'konformità mal-Artikolu 11.
(a) ammont ta' prefinanzjament ta' EUR 4 244 832 000 għandu jkun disponibbli fl-2021 f'konformità mal-Artikolu 8;	(b) ammonti addizzjonali ta' EUR ***2*** 126 162 000 għandhom ikunu disponibbli fl-***2026*** f'konformità mal-Artikolu 11.
L-ammonti msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom jitqiesu bħala prefinanzjament fis-sens tal-Artikolu 115(2), il-punt (b)(i), tar-Regolament Finanzjarju.	L-ammonti msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom jitqiesu bħala prefinanzjament fis-sens tal-Artikolu 115(2), il-punt (b)(i), tar-Regolament Finanzjarju.

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	4. Ir-riżorsi li joriġinaw mill-prefinanzjament tar-riżerva u allokati fuq il-bażi tal-kriterju tas-sajd (Anness I (2)) għandhom jintużaw esklużivament għal miżuri li jappoġġjaw lill-intrapriżi u l-komunitajiet lokali u reġjonali li jiddependu fuq l-attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet li jappartjenu għaż-żona ekonomika esklussiva (ŻEE) tar-Renju Unit, kif previst fl-Artikolu 5(1)(c).
	5. Fid-definizzjoni tal-miżuri ta' appoġġ iffinanzjati mir-riżorsi allokati skont il-kriterju tal-kummerċ mar-Renju Unit (Anness I(2)), l-Istati Membri għandhom iqisu l-importanza relattiva tal-iskambji netti għal kull reġjun (NUTS 2). Fi kwalunkwe każ, dawn l-iskambji jinkludu l-esportazzjonijiet ta' servizzi turistiċi.

Emenda 13

Żid Artikolu 4a ġdid

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	Proċess ta' konsultazzjoni
	1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi djalogu fuq diversi livelli, f'konformità mal-qafas legali nazzjonali, inkluż mill-inqas mal-awtoritajiet lokali u reġjonali fiż-żoni l-aktar affettwati. Dan il-proċess ta' konsultazzjoni għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipju tas-sħubija fil-qafas tal-politika ta' koeżjoni, u għandu jkun relatat mal-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-miżuri appoġġjati mir-Riżerva.
	2. ***L-arranġamenti għall-konsultazzjoni u l-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jiġu indikati mill-Istat Membru fl-[Anness IV il-ġdid].***

Raġuni

Proċess ta' konsultazzjoni għandu jkun parti essenzjali tal-għażla dwar kif jiġi allokat dan il-finanzjament. L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jiġu inklużi fil-proċess ta' konsultazzjoni, f'konformità mal-proċeduri tal-politika ta' koeżjoni.

Emenda 14

Artikolu 5(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Eleġibbiltà	**Eleġibbiltà**
1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva għandha tappoġġa biss in-nefqa pubblika marbuta direttament ma' miżuri meħuda speċifikament mill-Istati Membri biex jikkontribwixxu għall-objettivi msemmija fl-Artikolu 3, u tista' tkopri, b'mod partikolari dan li ġej:	1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva għandha tappoġġa biss in-nefqa pubblika marbuta direttament ma' miżuri meħuda speċifikament mill-Istati Membri biex jikkontribwixxu għall-objettivi msemmija fl-Artikolu 3, u tista' tkopri, b'mod partikolari dan li ġej:

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(a) miżuri li jgħinu n-negozji u l-komunitajiet lokali milquta ħażin mill-ħruġ;	(a) miżuri li jgħinu n-negozji***, b'mod partikolari dawk żgħar u ta' daqs medju, ir-reġjuni*** u l-komunitajiet lokali milquta ħażin mill-ħruġ***, inklużi l-miżuri ta' kumpens għan-negozji li jirreġistraw tnaqqis sostanzjali fil-fatturat tagħhom minħabba l-aċċess limitat għas-suq Brittaniku minħabba l-introduzzjoni ta' ostakli mhux tariffarji***;
(b) miżuri li jappoġġaw l-aktar setturi ekonomiċi milquta;	(b) miżuri li jappoġġaw l-aktar setturi ekonomiċi milquta***, inklużi l-investimenti indispensabbli għall-organizzazzjoni mill-ġdid tal-ktajjen tal-valur***;
(c) miżuri li jappoġġaw in-negozji u l-komunitajiet lokali dipendenti fuq l-attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tar-Renju Unit;	(c) miżuri li jappoġġaw in-negozji u l-komunitajiet lokali ***u reġjonali*** dipendenti fuq l-attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tar-Renju Unit***, inklużi l-investimenti indispensabbli għall-istrutturar mill-ġdid tas-settur***;
(d) miżuri li jappoġġaw l-impjiegi, inkluż permezz ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, taħriġ mill-ġdid u taħriġ ***fis***-setturi milquta;	***(d) miżuri mmirati lejn il-mitigazzjoni tal-impatt ekonomiku u soċjali tal-Brexit fuq setturi partikolarment affettwati, bħat-turiżmu, l-esportazzjonijiet agrikoli, ir-riċerka u l-innovazzjoni;***
(e) miżuri li jiżguraw il-funzjonament tal-kontrolli tal-fruntieri, doganali, sanitarji u fitosanitarji, tas-sigurtà u tas-sajd, kif ukoll il-ġbir ta' tassazzjoni indiretta inkluż persunal u infrastruttura addizzjonali;	(e) miżuri li jappoġġaw l-impjiegi, inkluż permezz ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, taħriġ mill-ġdid u taħriġ ***għas***-setturi milquta;
(f) miżuri biex jiffaċilitaw ir-reġimi għaċ-ċertifikazzjoni u l-awtorizzazzjoni ta' prodotti, biex jassistu fl-ilħuq tar-rekwiżiti ta' stabbiliment, biex jiffaċilitaw it-tikkettar u l-immarkar, pereżempju għal standards tas-sikurezza, tas-saħħa u ambjentali, kif ukoll biex jassistu fir-rikonoxximent reċiproku;	(f) ***miżuri li jiffaċilitaw l-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol tal-Unjoni Ewropea ta' ċittadini li, bħala riżultat ta' restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu tal-ħaddiema, kellhom jitilqu mir-Renju Unit;***
(g) miżuri għall-komunikazzjoni, l-informazzjoni u s-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini u n-negozji dwar il-bidliet li jirriżultaw mill-ħruġ fuq id-drittijiet u l-obbligi tagħhom.	(g) miżuri li jiżguraw il-funzjonament tal-kontrolli tal-fruntieri, doganali, sanitarji u fitosanitarji, tas-sigurtà u tas-sajd, kif ukoll il-ġbir ta' tassazzjoni indiretta inkluż persunal ***kwalifikat*** u infrastruttura ***fiżika*** u ***immaterjali*** addizzjonali;

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	(h) miżuri biex jiffaċilitaw ir-reġimi għaċ-ċertifikazzjoni u l-awtorizzazzjoni ta' prodotti, biex jassistu fl-ilħuq tar-rekwiżiti ta' stabbiliment, biex jiffaċilitaw it-tikkettar u l-immarkar, pereżempju għal standards tas-sikurezza, tas-saħħa u ambjentali, kif ukoll biex jassistu fir-rikonoxximent reċiproku;
	(i) miżuri għall-komunikazzjoni, l-informazzjoni u s-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini u n-negozji***, b'mod partikolari dawk żgħar u ta' daqs medju,*** dwar il-bidliet li jirriżultaw mill-ħruġ fuq id-drittijiet u l-obbligi tagħhom;
	(j) miżuri biex jitnaqqas it-tfixkil ikkawżat mill-ħruġ tar-Renju Unit minn programmi ta' kooperazzjoni u ta' skambju;
	(k) miżuri biex jiġu żgurati d-djalogu u l-konsultazzjoni bejn it-territorji u s-setturi l-aktar milquta, sabiex jiġu limitati l-impatti mhux mistennija ta' tfixkil bejn l-imsieħba Ewropej u Brittaniċi u biex jinħoloq ambjent favorevoli għal implimentazzjoni operazzjonali u kalma tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni;
	(l) miżuri tal-valutazzjoni tal-impatt u l-valutazzjoni tal-miżuri implimentati fil-qafas tar-Riżerva;

Emenda 15

Artikolu 5(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
2. In-nefqa għandha tkun eliġibbli jekk issir u titħallas matul il-perjodu ta' referenza għall-miżuri mwettqa ***fl-Istat Membru kkonċernat jew għall-benefiċċju*** tal-Istat Membru kkonċernat.	2. In-nefqa għandha tkun eliġibbli jekk issir u titħallas matul il-perjodu ta' referenza għall-miżuri mwettqa ***fir-reġjuni u s-setturi milquta*** tal-Istat Membru kkonċernat.

Emenda 16

Artikolu 5(3)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Meta jfasslu l-miżuri ta' appoġġ, l-Istati Membri għandhom iqisu l-impatt varjat tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni fuq reġjuni u komunitajiet lokali differenti u jiffukaw l-appoġġ mir-Riżerva fuq dawk l-aktar milquta, kif xieraq.	Meta jfasslu l-miżuri ta' appoġġ, l-Istati Membri għandhom iqisu l-impatt varjat tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni fuq reġjuni u komunitajiet lokali differenti u jiffukaw l-appoġġ mir-Riżerva fuq dawk l-aktar milquta, kif xieraq***, filwaqt li jiżguraw distribuzzjoni bbilanċjata tar-riżorsi abbażi tal-impatt ekonomiku fuq kull reġjun***.

Raġuni

L-emenda għandha l-għan li tiżgura li l-allokazzjoni tar-riżorsi tar-Riżerva tqis l-impatt ekonomiku tal-Brexit fuq kull reġjun affettwat u twassal għal distribuzzjoni bbilanċjata tal-fondi abbażi tal-ħsara ekonomika reali.

Emenda 17

Artikolu 5(4)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jikkonformaw mal-liġi applikabbli.	Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jikkonformaw mal-liġi applikabbli***, ħlief għall-eċċezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu [l-Artikolu 6 il-ġdid]***.

Emenda 18

Artikolu 5(5)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Miżuri eliġibbli skont il-paragrafu 1 jistgħu jirċievu appoġġ minn programmi u strumenti oħrajn tal-Unjoni sakemm dak l-appoġġ ma jkunx ikopri l-istess kost.	Miżuri eliġibbli skont il-paragrafu 1 jistgħu jirċievu appoġġ minn programmi u strumenti oħrajn tal-Unjoni sakemm dak l-appoġġ ma jkunx ikopri l-istess kost. ***L-awtoritajiet lokali u reġjonali kkonċernati li jaġixxu bħala awtoritajiet maniġerjali jew korpi intermedjarji ta' fondi Ewropej għandhom ikunu involuti bis-sħiħ u jiġu kkonsultati fil-qafas tal-ħidma biex ma jkunx hemm trikkib tal-finanzjamenti. Id-deċiżjoni jiġu mmobilizzati l-fondi strutturali minflok ir-Riżerva se jkollha tkun is-suġġett ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti, fid-dawl tal-konsegwenzi li din jista' jkollha fuq l-implimentazzjoni ta' programmi ta' finanzjament oħra Ewropej.***

Emenda 19

Żid Artikolu 5a ġdid

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	Għajnuna statali ***1. Għas-settur tas-sajd, u għas-settur tal-produzzjoni primarja tal-prodotti agrikoli, l-Artikoli 107, 108 u 109 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ma għandhomx japplikaw għall-pagamenti li jsiru mill-Istati Membri skont dan ir-Regolament, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna mogħtija biss skont l-Artikolu 5 matul il-perjodu ta' referenza.*** ***2. Id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jistabbilixxu finanzjament pubbliku li jmur lil hinn mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar il-pagamenti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu ttrattati fl-intier tagħhom fuq il-bażi tal-Artikoli 107, 108 u 109 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.***

Emenda 20

Artikolu 6

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Esklużjoni mill-appoġġ	**Esklużjoni mill-appoġġ**
Ir-Riżerva ma għandhiex tappoġġa:	Ir-Riżerva ma għandhiex tappoġġa:
(a) it-taxxa fuq il-valur miżjud;	(a) it-taxxa fuq il-valur miżjud***, ħlief fejn ma tkunx tista' tiġi rkuprata skont il-liġi tal-VAT nazzjonali***;
(b) l-assistenza teknika għall-ġestjoni, il-monitoraġġ, l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, ir-riżoluzzjoni tal-ilmenti, u l-kontroll u l-awditjar tar-Riżerva;	***(b)*** nefqa li tappoġġa r-rilokazzjoni kif definita fl-Artikolu 2(6);
(c) nefqa li tappoġġa r-rilokazzjoni kif definita fl-Artikolu 2 (6);	***(c)*** nefqa li tappoġġa r-rilokazzjoni f'konformità mal-***Artikolu 2(61)(a), u l-***Artikolu 14(16) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014, meta kontribuzzjoni mir-Riżerva tkun tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat;
(d) nefqa li tappoġġa r-rilokazzjoni f'konformità mal-Artikolu 14(16) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014, meta kontribuzzjoni mir-Riżerva tkun tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.	***(d) benefiċjarji li jkollhom l-uffiċċju reġistrat tagħhom f'pajjiż terz***.

Emenda 21

Artikolu 7(5)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
B'deroga mill-Artikolu 12 tar-Regolament Finanzjarju, l-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament mhux użati skont dan ir-Regolament għandhom jiġu riportati awtomatikament u jistgħu jintużaw sal-31 ta' Diċembru ***2025***. L-approprjazzjonijiet riportati għandhom jiġu kkonsmati l-ewwel fis-sena finanzjarja ta' wara.	B'deroga mill-Artikolu 12 tar-Regolament Finanzjarju, l-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament mhux użati skont dan ir-Regolament għandhom jiġu riportati awtomatikament u jistgħu jintużaw sal-31 ta' Diċembru ***2026***. L-approprjazzjonijiet riportati għandhom jiġu kkonsmati l-ewwel fis-sena finanzjarja ta' wara.

Emenda 22

Artikolu 8(3)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-Kummissjoni għandha tħallas il-prefinanzjament fi żmien ***60*** jum mid-data tal-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 2. Dan għandu jiġi likwidat f'konformità mal-Artikolu 11.	Il-Kummissjoni għandha tħallas il-prefinanzjament fi żmien ***45*** jum mid-data tal-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 2. Dan għandu jiġi likwidat f'konformità mal-Artikolu 11.

Emenda 23

Artikolu 10(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-applikazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-mudell stabbilit fl-Anness II. L-applikazzjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar in-nefqa pubblika totali mġarrba u mħallsa mill-Istati Membri u l-valuri tal-indikaturi tal-output għall-miżuri appoġġati. Din għandha tkun akkumpanjata mid-dokumenti msemmijin fil-paragrafi 5, 6 u 7 tal-Artikolu 63 tar-Regolament Finanzjarju u minn rapport ta' implimentazzjoni.	L-applikazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-mudell stabbilit fl-Anness II. L-applikazzjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar in-nefqa pubblika totali mġarrba u mħallsa mill-Istati Membri***, inkluża d-distribuzzjoni territorjali tan-nefqa fil-livell NUTS 2,*** u l-valuri tal-indikaturi tal-output għall-miżuri appoġġati. Din għandha tkun akkumpanjata mid-dokumenti msemmijin fil-paragrafi 5, 6 u 7 tal-Artikolu 63 tar-Regolament Finanzjarju u minn rapport ta' implimentazzjoni.

Emenda 24

Artikolu 10(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
2. Ir-rapport ta' implimentazzjoni għar-Riżerva għandu jinkludi:	2. Ir-rapport ta' implimentazzjoni għar-Riżerva għandu jinkludi:
(a) deskrizzjoni tal-impatt tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni f'termini ekonomiċi u soċjali inkluża identifikazzjoni tar-reġjuni, l-oqsma u s-setturi l-aktar milqutin;	(a) deskrizzjoni tal-impatt tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni f'termini ekonomiċi u soċjali inkluża identifikazzjoni tar-reġjuni, l-oqsma u s-setturi l-aktar milqutin; ***il-valutazzjoni finanzjarja għandha tiġi espressa f'euro kostanti;***
	(aa) f'konformità mal-[Artikolu 5 il-ġdid], deskrizzjoni tal-konsultazzjoni mwettqa mar-reġjuni u s-setturi l-aktar milqutin, kemm waqt it-tfassil tal-miżuri kif ukoll waqt l-implimentazzjoni tagħhom;
(b) deskrizzjoni tal-miżuri meħudin biex jiġu miġġielda l-konsegwenzi negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, ta' kemm dawk il-miżuri taffew l-impatt reġjonali u settorjali msemmi fil-punt (a), u kif ġew implimentati;	(b) deskrizzjoni tal-miżuri meħudin biex jiġu miġġielda l-konsegwenzi negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, ta' kemm dawk il-miżuri taffew l-impatt reġjonali u settorjali msemmi fil-punt (a), u kif ġew implimentati;
(c) ġustifikazzjoni tal-eliġibbiltà tan-nefqa mġarrba u mħallsa u r-rabta diretta tagħha mal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni;	(c) ġustifikazzjoni tal-eliġibbiltà tan-nefqa mġarrba u mħallsa u r-rabta diretta tagħha mal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni;

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(d) deskrizzjoni tal-miżuri meħudin biex jiġi evitat finanzjament doppju u biex tiġi żgurata l-komplementarjetà ma' strumenti oħrajn tal-Unjoni u mal-finanzjament nazzjonali;	(d) deskrizzjoni tal-miżuri meħudin biex jiġi evitat finanzjament doppju u biex tiġi żgurata l-komplementarjetà ma' strumenti oħrajn tal-Unjoni u mal-finanzjament nazzjonali;
(e) deskrizzjoni tal-kontribut tal-miżuri għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih.	(e) deskrizzjoni tal-kontribut tal-miżuri għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih.

Emenda 25

Artikolu 13(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Ġestjoni u kontroll	**Ġestjoni u kontroll**
1. Meta jkunu qed iwettqu kompiti relatati mal-implimentazzjoni tar-Riżerva, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha, inklużi miżuri leġiżlattivi, regolatorji u amministrattivi, biex iħarsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, jiġifieri billi:	1. Meta jkunu qed iwettqu kompiti relatati mal-implimentazzjoni tar-Riżerva, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha, inklużi miżuri leġiżlattivi, regolatorji u amministrattivi, biex iħarsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, jiġifieri billi:
(a) jinnominaw korp responsabbli għall-ġestjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva u korp tal-awditjar indipendenti f'konformità mal-Artikolu 63(3) tar-Regolament Finanzjarju, u s-superviżjoni ta' tali korpi;	(a) jinnominaw***, fil-livell xieraq ta' governanza,*** korp ***jew diversi korpi*** responsabbli għall-ġestjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva u korp tal-awditjar indipendenti f'konformità mal-Artikolu 63(3) tar-Regolament Finanzjarju, u s-superviżjoni ta' tali korpi;
(b) jistabbilixxu sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll għar-Riżerva f'konformità mal-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba u l-iżgurar li dawk is-sistemi jiffunzjonaw b'mod effettiv;	(b) jistabbilixxu sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll għar-Riżerva f'konformità mal-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba u l-iżgurar li dawk is-sistemi jiffunzjonaw b'mod effettiv;
(c) ifasslu deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness III, iżommu d-deskrizzjoni aġġornata u jagħmluha aċċessibbli għall-Kummissjoni meta din titlobha;	(c) ifasslu deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness III, iżommu d-deskrizzjoni aġġornata u jagħmluha aċċessibbli għall-Kummissjoni meta din titlobha;
(d) jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-identità tal-korpi nnominati u tal-korp li l-prefinanzjament għandu jitħallas lilu, u jikkonfermaw li d-deskrizzjonijiet tas-sistemi jkunu tfasslu, fi żmien tliet xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament;	(d) jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-identità tal-korpi nnominati u tal-korp li l-prefinanzjament għandu jitħallas lilu, u jikkonfermaw li d-deskrizzjonijiet tas-sistemi jkunu tfasslu, fi żmien tliet xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament;
(e) jiżguraw li n-nefqa appoġġata taħt programmi u strumenti oħrajn tal-Unjoni ma tkunx inkluża għall-appoġġ mir-Riżerva;	(e) jiżguraw li n-nefqa appoġġata taħt programmi u strumenti oħrajn tal-Unjoni ma tkunx inkluża għall-appoġġ mir-Riżerva;

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(f) jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-irregolaritajiet u l-frodi, u jevitaw il-kunflitti ta' interess ***inkluż permezz tal-użu ta' għodda unika għall-estrazzjoni tad-data pprovduta mill-Kummissjoni***;	(f) jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-irregolaritajiet u l-frodi, u jevitaw il-kunflitti ta' interess;
[…]	[…]

Emenda 26

Artikolu 13(3)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-korp responsabbli għall-ġestjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva għandu:	Il-korp***, jew korpi,*** responsabbli għall-ġestjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva għandu:
(a) jiżgura l-funzjonament ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti;	(a) jiżgura l-funzjonament ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti;
(b) jistabbilixxi kriterji u proċeduri għall-għażla tal-miżuri li jridu jiġu ffinanzjati u jiddetermina l-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva;	(b) jistabbilixxi kriterji u proċeduri għall-għażla tal-miżuri li jridu jiġu ffinanzjati u jiddetermina l-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva;
(c) jivverifika li l-miżuri ffinanzjati mir-Riżerva jkunu implimentati f'konformità mal-liġi applikabbli u l-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva, u li n-nefqa tkun ibbażata fuq dokumenti ta' sostenn verifikabbli;	(c) jivverifika li l-miżuri ffinanzjati mir-Riżerva jkunu implimentati f'konformità mal-liġi applikabbli u l-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva, u li n-nefqa tkun ibbażata fuq dokumenti ta' sostenn verifikabbli;
(d) jistabbilixxi miżuri effettivi biex jiġi evitat finanzjament doppju tal-istess kostijiet mir-Riżerva u minn sorsi oħrajn ta' finanzjament tal-Unjoni;	(d) jistabbilixxi miżuri effettivi biex jiġi evitat finanzjament doppju tal-istess kostijiet mir-Riżerva u minn sorsi oħrajn ta' finanzjament tal-Unjoni;
(e) jiżgura l-pubblikazzjoni ex post f'konformità mal-paragrafi 2 sa 6 tal-Artikolu 38 tar-Regolament Finanzjarju;	(e) jiżgura l-pubblikazzjoni ex post f'konformità mal-paragrafi 2 sa 6 tal-Artikolu 38 tar-Regolament Finanzjarju;
(f) juża sistema kontabilistika biex jirreġistra u jaħżen f'forma elettronika d-data dwar in-nefqa mġarrba li trid tkun koperta mill-kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva li tipprovdi informazzjoni preċiża, kompluta u affidabbli fil-ħin;	(f) juża sistema kontabilistika biex jirreġistra u jaħżen f'forma elettronika d-data dwar in-nefqa mġarrba li trid tkun koperta mill-kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva li tipprovdi informazzjoni preċiża, kompluta u affidabbli fil-ħin;
(g) iżomm id-dokumenti ta' sostenn kollha rigward in-nefqa li trid tiġi koperta mill-kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva disponibbli għal perjodu ta' ħames snin wara l-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja, u jittrasponi dan l-obbligu fi ftehimiet ma' entitajiet oħrajn involuti fl-implimentazzjoni tar-Riżerva;	(g) iżomm id-dokumenti ta' sostenn kollha rigward in-nefqa li trid tiġi koperta mill-kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva disponibbli għal perjodu ta' ħames snin wara l-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja, u jittrasponi dan l-obbligu fi ftehimiet ma' entitajiet oħrajn involuti fl-implimentazzjoni tar-Riżerva;

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(h) għall-finijiet tal-punt (f) tal-paragrafu 1, jiġbor l-informazzjoni f'format elettroniku standardizzat biex tkun tista' ssir l-identifikazzjoni tar-riċeventi ta' kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva u s-sidien benefiċjarji tagħhom f'konformità mal-Anness III.	(h) għall-finijiet tal-punt (f) tal-paragrafu 1, jiġbor l-informazzjoni f'format elettroniku standardizzat biex tkun tista' ssir l-identifikazzjoni tar-riċeventi ta' kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva u s-sidien benefiċjarji tagħhom f'konformità mal-Anness III.

Emenda 27

Artikolu 16(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
2. Sat-30 ta' Ġunju 2027, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew ***u*** lill-Kunsill.	2. Sat-30 ta' Ġunju 2027, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill***, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew***.

Emenda 28

Anness I(3)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
3. Il-fattur marbut mas-sajd huwa ddeterminat abbażi tal-kriterju li ġej u billi jiġu applikati l-passi li ġejjin:	3. Il-fattur marbut mas-sajd huwa ddeterminat abbażi tal-kriterju li ġej u billi jiġu applikati l-passi li ġejjin:
a) is-sehem ta' kull Stat Membru mill-valur totali tal-ħut maqbud fiż-ŻEE tar-Renju Unit;	is-sehem ta' kull Stat Membru mill-valur totali tal-ħut maqbud fil-perjodu ***2015-2018*** fiż-ŻEE tar-Renju Unit;
b) dawn l-ishma jiżdiedu għall-Istati Membri b'sajd li għandu dipendenza oġħla mill-medja fuq il-qbid tal-ħut fiż-ŻEE tar-Renju Unit u jonqsu għal dawk li għandhom dipendenza taħt il-medja kif ġej:	***b)*** l-ishma ***miksuba*** jiġu riaġġustati biex jiġi żgurat li s-somma tal-ishma tal-Istati Membri kollha tkun ta' 100 %.
i) għal kull Stat Membru, il-valur tal-ħut maqbud fiż-ŻEE tar-Renju Unit bħala perċentwal tal-valur totali tal-ħut maqbud minn dak l-Istat Membru huwa espress bħala indiċi tal-medja tal-UE (indiċi tad-dipendenza);	
ii) is-sehem inizjali tal-valur tal-ħut maqbud fiż-ŻEE tar-Renju Unit jiġi aġġustat billi jiġi mmultiplikat bl-indiċi ta' dipendenza tal-Istat Membru;	
iii) dawn l-ishma ***aġġustati*** jiġu riaġġustati biex jiġi żgurat li s-somma tal-ishma tal-Istati Membri kollha tkun ta' 100 %.	

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
4. Il-fattur marbut mal-kummerċ jinkiseb billi jiġu applikati l-passi li ġejjin:	4. Il-fattur marbut mal-kummerċ jinkiseb billi jiġu applikati l-passi li ġejjin:
a) il-kummerċ ta' kull Stat Membru mar-Renju Unit huwa espress bħala sehem tal-kummerċ tal-UE mar-Renju Unit (il-kummerċ huwa s-somma tal-importazzjonijiet u tal-esportazzjonijiet ta' oġġetti u servizzi);	a) il-kummerċ ta' kull Stat Membru mar-Renju Unit huwa espress bħala sehem tal-kummerċ tal-UE mar-Renju Unit (il-kummerċ huwa s-somma tal-importazzjonijiet u tal-esportazzjonijiet ta' oġġetti u servizzi***, inkluż is-settur tat-turiżmu, minbarra s-servizzi finanzjarji***);

Emenda 29

Żid Anness III(a) ġdid

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	Anness IIIa
	Mudell għad-distribuzzjoni settorjali u ġeografika
	1. Identifikazzjoni tas-setturi ekonomiċi l-aktar milqutin:
	2. Identifikazzjoni tar-reġjuni fil-livell NUTS 2 l-aktar milqutin:
	Għal kull reġjun (inklużi r-reġjuni identifikati fl-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea):
	— Nomenklatura ta' NUTS 2
	— Isem ir-reġjun
	— Popolazzjoni reġjonali (data)
	— PDG reġjonali
	— Volum ta' kummerċ mar-Renju Unit fl- 2019
	3. Deskrizzjoni tal-approċċ ta' sħubija implimentat:
	4. Implimentazzjoni tal-istrateġiji:
	(jekk jogħġbok semmi d-dokumenti strateġiċi implimentati)
	— Strateġija ġenerali:
	— Strateġiji reġjonali:
	— Strateġiji settorjali:
	5. Deskrizzjoni tal-għodod ta' monitoraġġ u ta' valutazzjoni implimentati:
	6. Tqassim tan-nefqa
	Ammont imħallas
	Settur tas-sajd
	Setturi affettwati mill-kummerċ

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	7. Tqassim ġeografiku tan-nefqa
	i. Ir-reġjuni ta' NUTS 2 l-aktar milqutin: Nomenklatura ta' NUTS 2 Ammont €/abitant
	ii. Ammont mingħajr miri ġeografiċi:
	8. Kontribuzzjoni għall-objettivi klimatiċi
	Perċentwal tan-nefqa:
	9. Kontribut għall-għanijiet tat-trasformazzjoni diġitali
	Perċentwal tan-nefqa:

II. **RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

1. jilqa' l-istabbiliment ta' Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, li għandha l-għan li ttaffi l-impatt territorjali tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea. Ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit hija espressjoni tanġibbli ta' solidarjetà intra-Ewropea u hija intiża biex tikkontribwixxi għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, kif muri mill-bażi legali (Artikolu 175 tat-TFUE) tal-proposta tal-Kummissjoni;

2. iqis l-ilħuq ta' Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit bħala eżitu pożittiv tan-negozjati. Madankollu, il-qafas il-ġdid tar-relazzjoni mar-Renju Unit għandu konsegwenzi territorjali qawwija. Peress li l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni mhuwiex ekwivalenti kompletament għal Ftehim ta' Kummerċ Ħieles, bosta reġjuni Ewropej se jibqgħu esposti ħafna għall-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tal-Brexit. Dan l-impatt huwa partikolarment importanti għar-reġjuni li huma ġeografikament qrib tar-Renju Unit jew għal dawk li kellhom relazzjonijiet mill-qrib ħafna mal-imsieħba Brittaniċi. L-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-atturi ekonomiċi, bħat-turiżmu, is-setturi tal-edukazzjoni u tar-riċerka, iżda wkoll iċ-ċittadini u s-soċjetà ċivili qed jiffaċċjaw il-konsegwenzi tal-implimentazzjoni ta' fruntieri ġodda, ta' proċeduri amministrattivi ġodda, ta' kumplessitajiet ġodda fil-ktajjen tal-valur u tat-twaqqif ta' programmi ta' kooperazzjoni;

3. jiġbed l-attenzjoni għall-konsegwenzi ġeopolitiċi tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, li huma konkreti għal għadd ta' awtoritajiet lokali u reġjonali, li saru l-fruntieri esterni l-ġodda tal-Unjoni Ewropea. L-eliġibbiltà ta' miżuri li jtejbu l-fluwidità tal-kontrolli u l-kummerċ tal-oġġetti u l-persuni hija għalhekk milqugħa b'mod pożittiv ħafna. Il-KtR jenfasizza li, f'dawn ir-reġjuni tal-fruntiera l-ġodda, l-investimenti lokali u reġjonali marbuta mal-kontrolli se jgħinu biex jiżguraw il-protezzjoni taċ-ċittadini Ewropej kollha fi ħdan il-fruntieri l-ġodda tal-Unjoni Ewropea. Il-KtR jitlob lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jiddefinixxu limitu ta' kopertura minimu u ġust għal dawn ir-reġjuni;

4. jappella sabiex l-ammonti addizzjonali disponibbli fit-tieni stadju skont l-Artikolu 11 jiżdiedu b'EUR 1 biljun sabiex jirrispondu aħjar għall-ħtiġijiet fuq terminu medju; f'konformità mal-appell tiegħu biex jiġi estiż il-perjodu ta' eliġibbiltà tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit;

5. jisħaq fuq l-espożizzjoni tas-settur tas-sajd u tal-frott tal-baħar, li huwa soġġett għal perjodu ta' tranżizzjoni ta' ħames snin u nofs. Minbarra r-restrizzjonijiet il-ġodda komuni għas-setturi Ewropej kollha, is-settur tas-sajd qed jiffaċċja sfida diretta għal parti sħiħa tal-attività tiegħu. Din is-sitwazzjoni teħtieġ valutazzjoni tal-impatt li tirrifletti r-realtajiet reġjonali kemm jista' jkun mill-qrib, mingħajr indiċjar nazzjonali. Huwa kruċjali li tinkiseb distribuzzjoni finanzjarja aktar ġusta bejn ir-reġjuni Ewropej milqutin, irrispettivament mid-daqs tal-Istat Membru;

6. jixtieq li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jitpoġġew fil-qalba tal-ħolqien ta' dan l-istrument finanzjarju l-ġdid. Il-KtR jirrakkomanda l-introduzzjoni ta' kriterji li jqisu l-intensità reġjonali tal-impatt, u jiżguraw distribuzzjoni ġusta tar-riżorsi abbażi tad-daqs tal-impatt ekonomiku fuq kull reġjun. Kif muri fl-istudji tal-KtR dwar il-konsegwenzi tal-Brexit, il-kunsiderazzjoni tal-impatti fil-livell nazzjonali ma tirriflettix l-intensità tagħhom li hija lokali ħafna. L-awtoritajiet lokali għandhom jipparteċipaw fil-valutazzjoni tal-impatti u t-tfassil tal-miżuri. Dan huwa saħansitra aktar importanti peress li l-awtoritajiet lokali u reġjonali, skont il-kompetenzi tagħhom, se jkollhom ikunu lesti li jiffinanzjaw minn qabel ċerti miżuri huma stess, jiżviluppaw strateġiji territorjali għall-mitigazzjoni tal-impatti ta' Brexit u jimmobilizzaw parti mill-fondi Ewropej li jiġġestixxu. Dan l-involviment tal-awtoritajiet se jgħin fl-immirar tal-ħtiġijiet u jiżgura implimentazzjoni effiċjenti tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit;

7. jenfasizza bl-istess mod l-esponiment tar-reġjuni minħabba t-telf ta' opportunitajiet kummerċjali mar-Renju Unit u l-fatt li l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni mhuwiex ekwivalenti kompletament għal Ftehim ta' Kummerċ Ħieles. Dan għandu impatt fuq firxa wiesgħa ta' setturi u għandu effett trasversali fuq il-katina ta' valur, pereżempju fis-setturi tat-turiżmu, tal-ospitalità u agroalimentari, li jfisser telf ta' impjiegi fuq il-post. Il-KtR jirrikonoxxi li l-impatt x'aktarx ikollu effetti soċjoekonomiċi dejjiema fuq il-komunitajiet fir-reġjuni, u għalhekk irid jiġi indirizzat minnufih. Jenfasizza wkoll li r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit hija l-uniku strument finanzjarju tal-UE li jittratta l-Istati Membri, ir-reġjuni u s-setturi li qed ibatu l-konsegwenzi negattivi tal-Brexit;

8. jappella sabiex il-perjodu ta' eliġibbiltà jiġi estiż għal Ġunju 2026, billi s-solidarjetà Ewropea ma għandhiex tiġi limitata għas-snin 2021 u 2022 u jinnota li ma hemm l-ebda mezz biex jittaffew il-konsegwenzi tal-Brexit mill-2023 'il quddiem.

— Il-KtR jindika nuqqas ta' koerenza maġġuri bejn it-tul tal-perjodu tranżizzjonali għas-settur tas-sajd u l-perjodu ta' eliġibbiltà tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit. Hija biss estensjoni tal-perjodu ta' eliġibbiltà tan-nefqa sa Ġunju 2026 li se tippermetti appoġġ xieraq għal dan is-settur. Filwaqt li l-komplementarjetajiet mal-FEMSA huma indispensabbli, il-FEMSA jibqa' l-istrument strutturali għall-implimentazzjoni tal-politika komuni tas-sajd u ma jistax iqis il-konsegwenzi asimetriċi ta' Brexit.

— Fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' infrastrutturi perenni ta' kontroll, il-KtR josserva li s-sitwazzjoni tas-saħħa relatata mal-COVID-19 ma tippermettix li jitkejlu l-flussi reali u li jsiru investimenti b'mod immedjat.

— Ċerti miżuri jew investimenti jistgħu jinvolvu perjodi minimi ta' tħejjija jew implimentazzjoni li ma jippermettux impenji jew pagamenti qabel il-31 ta' Diċembru 2022. Hawnhekk il-KtR qed jirreferi kemm għall-proċeduri ta' akkwist pubbliku kif ukoll għall-proċeduri biex jiġi żgurat li l-miżuri jew l-investimenti jikkonformaw mar-regoli tal-UE, jew nazzjonali, fis-seħħ (valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali, permessi tal-ippjanar, stħarriġ pubbliku, proċeduri ta' notifika għall-għajnuna mill-Istat, eċċ.).

— Il-KtR jenfasizza li l-effetti tal-Brexit ivarjaw bejn id-diversi reġjuni Ewropej u għalhekk jilqa' bi pjaċir il-flessibbiltà mogħtija lill-Istati Membri biex ifasslu miżuri li jissodisfaw bl-aħjar mod il-ħtiġijiet tagħhom. Huwa importanti li jiġu żviluppati miżuri kemm għall-industrija, it-turiżmu, it-trasport, ir-riċerka u l-innovazzjoni, kif ukoll għas-setturi agrikoli jew agroalimentari, skont il-ħtiġijiet lokali u reġjonali. Il-KtR jemmen li d-diversità potenzjali tal-oqsma ta' intervent tar-riżerva għandha tkun ċara fir-regolament ħalli b'hekk jiġu ffaċilitati l-fehim u l-implimentazzjoni xierqa tal-fond.

9. iqis li r-Riżerva se jkollha rwol essenzjali fl-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-qafas legali l-ġdid li jirregola r-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Renju Unit li l-konsegwenzi tagħhom ma jistgħux jiġu identifikati b'mod sħiħ, b'mod partikolari minħabba l-effetti kkombinati tal-pandemija tal-COVID-19. Dan jikkonċerna wkoll kwistjonijiet speċifiċi li għadhom iridu jiġu nnegozjati, bħal għas-servizzi finanzjarji jew il-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fil-programm Orizzont Ewropa. Se jkollhom jitqiesu kemm l-iżviluppi sfavorevoli kif ukoll dawk favorevoli;

10. jiddubita mill-valur miżjud f'termini ta' governanza tajba tal-konsultazzjoni pubblika dwar ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit imnedija mill-Kummissjoni Ewropea fl-24 ta' Frar 2021 għal perjodu ta' tmien ġimgħat [1], filwaqt li l-proposta leġiżlattiva ġiet ippreżentata xahrejn qabel u n-negozjati interistituzzjonali biex jintlaħaq ftehim fl-ewwel nofs tal-2021 diġà jinsabu fi stadju avvanzat ħafna;

11. jemmen li Brexit huwa sitwazzjoni sui generis u li l-paralleli li għandhom isiru ma' skemi eżistenti bħall-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea jistgħu jkunu biss limitati. Il-KtR jesprimi dispjaċir dwar il-fatt li l-proposta tal-Kummissjoni ma tirriflettix il-prinċipju ta' shubija li japplika għall-politika ta' koeżjoni, peress li ma tipprovdix garanziji dwar ir-rwol mogħti lill-awtoritajiet territorjali fil-governanza. Il-proċeduri tat-tfassil ta' miżuri u ta' ġestjoni għandhom jirriflettu aktar il-loġika ddikjarata tal-immirar tal-impatti territorjali;

12. iqis li l-Istati Membri għandu jkollhom il-flessibbiltà fid-definizzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni: in-numru ta' korpi u livelli ta' ġestjoni (nazzjonali, reġjonali jew interreġjonali). Min-naħa l-oħra, l-Istati Membri għandhom jiġġustifikaw l-għażla tagħhom f'termini tas-sussidjarjetà u b'mod partikolari l-kapaċità tagħhom li jirrispondu għall-ħtiġijiet ikkonċentrati f'ċerti territorji u/jew setturi ekonomiċi l-aktar esposti; Fi kwalunkwe każ, għandha tiġi żgurata l-parteċipazzjoni tal-livell reġjonali fil-proċedura ta' ġestjoni;

[1] https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12917-Proposal-for-a-Regulation-Regional-and-urban-Policy

13. iqis li l-Brexit huwa ta' importanza kbira għal oqsma differenti bħall-prodotti tas-sajd u tal-baħar, il-mobbiltà taċ-ċittadini, it-taħriġ, il-proġetti ta' kooperazzjoni dwar ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, it-trasferiment tal-għarfien, l-indirizzar tat-tibdil fil-klima, il-preservazzjoni tal-ekosistemi u s-shubijiet pubbliċi-privati, fost l-oħrajn. Minħabba l-livelli differenti ta' deċentralizzazzjoni tal-Istati Membri, il-kollaborazzjoni bejn il-livelli amministrattivi differenti tista' titqies bħala meħtieġa jew pożittiva, sabiex it-territorji differenti jkunu jistgħu jegħlbu l-esternalitajiet negattivi tal-Brexit. Il-Kumitat jappella li l-prinċipju tas-shubija jsir realtà u li r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit tiġi ġestita skont il-kriterji ġenerali għall-programmi ta' ġestjoni kondiviża bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali u lokali;

14. jipproponi li l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-implimentazzjoni ta' strateġiji reġjonali biex jantiċipaw l-iskeda ta' żmien tal-implimentazzjoni tal-miżuri u l-bidliet fuq perjodu ta' żmien medju. Dan għandu jitwettaq f'konformità mal-politiki lokali u reġjonali kollha kkonċernati. Fil-mument tal-ħlas tal-finanzjament minn qabel, l-Istati Membri għandhom jindikaw lill-Kummissjoni Ewropea l-mod kif se jiżguraw il-parteċipazzjoni u l-konsultazzjoni mal-awtoritajiet reġjonali u lokali, taħt "obbligu ta' shubija";

15. jipproponi li d-dispożizzjonijiet kollha li jipprevedu l-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jiġu żgurati permezz ta' mekkaniżmu ta' informazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea. Il-KtR jirrakkomanda, b'mod konkret, li meta tiżdied in-nefqa, l-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni Ewropea u jibagħtulha anness ġdid iddedikat għad-distribuzzjoni settorjali u ġeografika tan-nefqa fil-livell tar-reġjuni ta' NUTS 2, filwaqt li jinkludu l-kontribuzzjoni tagħhom għall-miri klimatiċi u t-tranżizzjoni diġitali. Barra minn hekk, din l-informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva tikkontribwixxi wkoll għall-valutazzjoni tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, u tippermetti l-valutazzjoni tal-ammonti addizzjonali disponibbli fit-tieni stadju skont l-Artikolu 11 tal-mobilizzazzjoni tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit f'kull Stat Membru u tiżgura li l-approċċ ta' shubija rrakkomandat ġie implimentat sew;

16. jixtieq jiżgura li l-awtoritajiet lokali u reġjonali responsabbli għal awtoritajiet maniġerjali jew korpi intermedjarji ta' fondi Ewropej ikunu involuti fil-ħidma kontra t-trikkib tal-finanzjamenti. Min-naħa l-oħra, l-għażla li jiġu mmobilizzati l-fondi strutturali minflok ir-Riżerva se jkollha tkun is-suġġett ta' konsultazzjoni mal-atturi kkonċernati, fid-dawl tal-konsegwenzi li din jista' jkollha fuq l-implimentazzjoni ta' politiki Ewropej oħra;

17. jitlob li jiġi previst perċentwal tal-fondi biex, ladarba jiġi approvat il-kriterju ta' distribuzzjoni u ta' prefinanzjament, dan jiġi trasferit lill-Istati Membri u r-reġjuni, fejn adatt, sabiex ikunu jistgħu jiffinanzjaw il-miżuri ta' appoġġ rilevanti mingħajr ma jkun hemm bżonn ta' kontribuzzjoni minn qabel ta' fondi proprji;

18. jitlob li tiġi implimentata flessibbiltà fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat sabiex jiġi żgurat twettiq rapidu tal-miżuri u biex tingħata l-kapaċità ta' intervent favur l-atturi ekonomiċi l-aktar milqutin. Hija meħtieġa estensjoni tad-dispożizzjonijiet temporanji tal-COVID għall-impatti diretti ta' Brexit matul il-perjodu ta' eliġibbiltà tan-nefqa tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit. Fis-setturi tas-sajd u tal-agrikoltura, id-dispożizzjonijiet applikabbli għall-FEMSA u l-FAEŻR iridu japplikaw għar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit;

19. jenfasizza l-fatt li l-SMEs li jinnegozjaw mar-Renju Unit huma affettwati b'mod sproporzjonat mill-kostijiet ta' proċeduri amministrattivi ġodda assoċjati mal-esportazzjoni lejn ir-Renju Unit fir-rigward tal-fatturat tagħhom. Għalhekk, fid-distribuzzjoni tar-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit għandhom jitqiesu l-kostijiet relattivi għan-negozji;

20. jappella għall-eliġibbiltà għall-VAT li ma jistax jiġi rkuprat, kif previst mill-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea. Mingħajr din l-eliġibbiltà, bosta miżuri ffinanzjati minn awtoritajiet lokali u reġjonali ma jibbenefikawx minn solidarjetà Ewropea ta' 100 %;

21. jitlob li l-ħlas ta' allokazzjonijiet supplimentari fl-2023 ikun parzjalment marbut ma' valutazzjoni Ewropea tal-impatti reali ta' Brexit fil-perjodu 2021-2022, sabiex jiġi approfondit l-eżerċizzju tal-immirar tar-reġjuni u s-setturi l-aktar milqutin, iżda wkoll biex jiġu identifikati dawk li kienu l-aktar reżiljenti jew li bbenefikaw mill-bidliet;

22. itenni l-impenn tiegħu biex titkompla l-kooperazzjoni bejn il-partijiet interessati Brittaniċi u Ewropej, u jappella sabiex ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit tappoġġja lill-imsieħba Ewropej fid-djalogu li għandu jinżamm, kemm sabiex jiġi evitat tilwim li jirriżulta mill-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni kif ukoll biex tinbena kooperazzjoni futura.

Brussell, id-19 ta' Marzu 2021.

Apostolos TZITZIKOSTAS

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni